

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Diċembru 2010 — Nute Partecipazioni u La Perla vs UASI — Worldgem Brands (NIMEI LA PERLA MODERN CLASSIC)**

(Kawża T-59/08) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja verbali NIMEI LA PERLA MODERN CLASSIC — Trade marks nazzjonali figurattivi preċedenti la PERLA — Raġuni relattiva għal rifjut — Ħsara għar-reputazzjoni — Artikolu 8(5), u Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li saru l-Artikolu 8(5) u l-Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2007/2009”)*

(2011/C 30/59)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Nute Partecipazioni SpA, li kienet Gruppo La Perla SpA (Bolonja, l-Italja); u La Perla Srl (Bolonja) (rappreżentanti: R. Morresi u A. Dal Ferro, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment minn L. Rampini, sussegwentement minn O. Montalto, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Worldgem Brands Srl, li kienet Worldgem Brands — Gestão e Investimentos Lda (Creazzo, l-Italja) (rappreżentanti: V. Bilardo, M. Mazzitelli u C. Bacchini, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tad-19 ta' Novembru 2007 (Każ R 537/2004-2) dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Nute Partecipazioni SpA u Worldgem Brands Srl.

**Dispożittiv**

- (1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tad-19 ta' Novembru 2007 (Każ R 537/2004-2) hija annullata sa fejn l-UASI ċaħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità u kkundanna lil Nute Partecipazioni SpA għall-ispejjeż tagħha.
- (2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- (3) L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll 90 % tal-ispejjeż ta' Nute Partecipazioni u ta' La Perla Srl quddiem il-Qorti Ġenerali u l-ispejjeż kollha ta' Nute Partecipazioni quddiem il-Bord tal-Appell.
- (4) Nute Partecipazioni u La Perla għandhom ibatu 10 % tal-ispejjeż tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali.

(5) Worldgem Brands Srl għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 92, 12.04.2008

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Diċembru 2010 — Il-Polonja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-69/08) <sup>(1)</sup>

*(“Approssimazzjoni tal-liġijiet — Direttiva 2001/18/KE — Dispożizzjonijiet nazzjonali li jiksru miżura ta' armonizzazzjoni — Deċiżjoni ta' rifjut tal-Kummissjoni — Nuqqas ta' notifika fit-terminu ta' sitt xhur previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 95(6) KE”)*

(2011/C 30/60)

Lingwa tal-kawża: il-Pollak

**Partijiet**

Rikorrenti: Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: inizjalment M. Dowgielewicz, sussegwentement M. Dowgielewicz, B. Majczyna u M. Jarosz, u fl-aħħar M. Szpunar, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Patakia, C. Zadra u K. Herrmann, aġenti)

Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentant: M. Smolek, aġent); ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: A. Samoni-Rantou u M. Tassopoulou, aġenti); u r-Repubblika tal-Awstrija (rappreżentanti: inizjalment E. Riedl, sussegwentement E. Riedl u C. Pesendorfer, u fl-aħħar E. Riedl, C. Pesendorfer, G. Hesse u M. Fruhmann, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/62/KE, tat-12 ta' Ottubru 2007, rigward l-Artikoli 111 u 172 tal-Abbozz ta' Att Pollakk dwar Organiżmi Modifikati Ġenetikament, innotifikati mir-Repubblika tal-Polonja skont l-Artikolu 95(5) KE bħala deroga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (ĠU 2008, L 16, p. 17).

**Dispożittiv**

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/62/KE, tat-12 ta' Ottubru 2007, rigward l-Artikoli 111 u 172 tal-Abbozz ta' Att Pollakk dwar Organiżmi Modifikati Ġenetikament, innotifikati mir-Repubblika tal-Polonja skont l-Artikoli 95(5) KE bħala deroga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament, hija annullata.